MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

Stqarrija

9 ta' Ottubru, 2020

# L-MFSA Tniedi Kampanja tal-Għarfien għall-Investituri

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('MFSA') din il-ġimgħa nediet kampanja ta' edukazzjoni għall-investituri. L-għan ewlieni ta' din il-kampanja huwa li titqajjem kuxjenza fost il-konsumaturi dwar l-għarfien finanzjarju, b'enfasi fuq it-tipi differenti ta' swieq regolati, sabiex tgħinhom jieħdu deċiżjonijiet infurmati.

Waħda mill-funzjonijiet primarji tal-MFSA hija li ssaħħaħ il-fiduċja tal-konsumatur fis-suq finanzjarju filwaqt li ttejjeb l-għarfien tal-konsumatur. Il-kampanja għalhekk hija immirata lejn il-pubbliku ġenerali u investituri li jeħtieġu iktar għarfien dwar l-investimenti.

F'kummenti dwar it-tnedija tal-kampanja, Emily Benson, Kap tal-Conduct Supervision fl-MFSA, qalet: "L-investituri kultant ikunu inċerti dwar liema deċiżjonijiet ta' investiment għandhom jieħdu sabiex jilħqu il-miri finanzjarji tagħhom. Nuqqas ta' informazzjoni jew informazzjoni inkorretta dwar strumenti finanzjarji u postijiet minn fejn dawn jinxtraw tista' twassal għal sitwazzjoni fejn il-konsumaturi jinvestu fi prodott li ma jkunx adattat għalihom. Din il-kampanja hija parti mill-inizjattivi kontinwi ta' għarfien tal-konsumatur organizzati mill-MFSA, li juru b'mod ċar l-impenn qawwi tagħna lejn il-protezzjoni u l-edukazzjoni tal-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji. "

Il-kampanja edukattiva għall-investituri taħbat mal-Ġimgħa Dinjija għall-Investituri (World Investment Week) li għandha l-għan li tqajjem kuxjenza rigward l-edukazzjoni tal-investituri.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok żur: https://www.mfsa.mt/consumers/consumer-awareness-and-education/investments/investor-awareness/.

Nota lill-Edituri:

Il-kampanja għandha l-għan li tispjega kliem tekniku relatat mal-investiment bħal:

- **Trading Venue** - il-post fejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa jiltaqgħu biex jixtru jew ibiegħu prodotti finanzjarji. Hemm bosta tipi differenti ta' postijiet ta' negozjar b'dak tradizzjonali jkun is-suq regolat, filwaqt li eżempju ieħor huwa Multilateral Trading Facility.

- **Regulated Market** - suq li huwa liċenzjat u awtorizzat minn awtorità rilevanti biex jipprovdi struttura għax-xerrejja u l-bejjiegħa fejn jinnegozjaw strumenti finanzjarji. F'Malta, hemm suq regolat wieħed biss li huwa l-Borża ta' Malta (Malta Stock Exchange).

- **Multilateral Trading Facility** - ċentru ta' negozjar finanzjarju awtoregolat. Dan jaġixxi bħala alternattiva għas-suq tradizzjonali regolat, u tipikament juża sistema kompjuterizzata fejn ix-xerrejja u l-bejjiegħa jiskambjaw l-istrumenti finanzjarji f'konformità mal-ktieb tar-regoli ta' dik il-pjattaforma ta' kummerċ.

## Dwar l-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Fl-2018, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,200 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 6% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.